MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Numru 828/2005

**PULIZIJA**
**SUPERINTENDENT RAYMOND D'ANASTASI**
**VS**
**KEITH GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Keith Galea ta' 25 sena, iben John u Helen nata Mifsud, imwieled Pieta' fit-13 ta' Marzu 1980, residenti numru 20, Triq il-Kardinal Sciberras Santa Venera u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 155880(M);

Illi huwa akkuzat talli fit-24 ta' Gunju 2005 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara l-ikel, gewwa Hal Qormi bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, arresta, zamm jew issekwestra membru u/jew membri tal-Familja Apap minn Hal Qormi u dan gewwa l-fond 'Merhba' Triq Amleto Spiteri kontra l-volonta' taghha/taghhom jew inkella ta

post sabiex din/dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltin imma hija izjed minn hamsin Lira Maltin liema hsara saret ghad-dannu tal-familja Apap minn Hal Qormi;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar (pistola) liema pistola hija minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, meta gie u kellu fil-pussess tieghu arma u/jew munizzjon u ma avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 9 (1) tal-Kap.66;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed tikkometti reat kontra l-persuna u/jew ta’ hsara fuq proprjeta kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe pistola u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 26 (a) tal-Kap.66;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-familja Apap billi torbot lill-imsemmi Keith Galea b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.6) u dak ta’ l-imputat (a fol.9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tas-Superintendent Raymond D'Anastasi, jirrizulta li fid-data citata fl-akkuza, PS 487 Balzan kien infurmah illi kien hemm incident fit-Triq Amleto Spiteri, Hal Qormi, li fih kien involut Keith Galea ma' membri tal-familja Apap. Superintendent D'Anastasi xehed illi l-imputat kellu relazzjoni ma' certu Graziella Apap illi minnha ghandu zewgt (2) itfal. Superintendent Raymond D'Anastasi xehed li l-familja Apap irraportat li Keith Galea kien kisser il-hgieg, dahal fid-dar ta' Graziella Apap, b'arma tan-nar, li fil-fatt giet moghtija lis-Surgent Balzan (ara xhieda a fol.10 u fol.11). Superintendent Raymond D'Anastasi interroga lill-imputat u dana ammetta li kien mar fid-dar ta' Graziella, ammetta li kisser il-hgieg tal-bieb izda nnega li kellu arma tan-nar jew li uza din l-arma tan-nar biex jhedded xi membru tal-familja Apap. Superintendent D'Anastasi kkonferma li rega' baghat ghal familja Apap ghal Marlon u Graziella Apap u dawn baqghu jinsistu li l-imputat, fil-fatt, kellu arma tan-nar fil-pussess tieghu. Irrizulta illi wara li kien gie nfurmat missier Graziella (Victor Apap) bl-incident, l-istess Apap allegatament kisser il-karozza ta' l-imputat Keith Galea u nfethu proceduri kriminali fuq daqshekk.

In kontro ezami, Superintendent Raymond D'Anastasi kkonferma li sar jaf illi l-imputat kien mar ghand il-familja Apap sabiex jara lit-tfal tieghu u li l-access tat-tfal dejjem isir fost hafna argumenti. Superintendent D'Anastasi xehed illi l-imputat allega li kien hu Graziella illi hareg ghalih b'senter. Superintendent D'Anastasi kkonferma illi Graziella Apap u Keith Galea ta' sikwit jiggieldu, jinfirdu u jergghu jaghmlu paci (ara xhieda a fol.13).

Mill-istqarrija ta' l-imputat (a fol.15 et seq.) Dok.RA3, l-imputat jiddikjara illi huwa kellu tfajla Graziella Apap illi minnha kellu zewgt (2) itfal, liema tfal jghixu mal-familja Apap. Illi fid-data ta' l-incident huwa kien mar biex jiehu lil ibnu Kyle l-bahar, habbat fuq il-bieb, izda Graziella qaltlu mill-gallarija li ma kinitx sew tatih it-tifel. Huwa baqa jistenna barra, pero' wara ftit sema hafna ghajjat u sema lil omm Graziella tghidilha biex tikkonsenja lil Kyle lilu.

Bdew jiggieldu u omm Graziella spiccat biex bdiet tkecci lil bintha Graziella ‘l barra. L-imputat jghid illi baqa jisma hafna ghajjat, bdew joffenduh u fil-pront ta daqqa ta’ ponn fuq il-hgiega tal-bieb ta’ barra u telaq lejn id-dar. Wara xi ghaxar (10) minuti rega mar ghand Graziella Apap u beda jghajtilha minn wara l-purtiera u hareg huha Marlon li beda joffendih. L-imputat jghid illi dak il-hin qabad dahal gewwa biex jipprova jsib lit-tifel tieghu, pero’ ma sibux u kif hareg fil-kuritur, gie Marlon Apap ghall-imputat b’senter. L-imputat dahal fil-kamra tal-pranzu u beda jargumenta ma’ Graziella biex tatih it-tifel. Fil-pront gew il-Pulizija u sabuh fid-dar ta’ Graziella Apap u gie arrestat. Innega li qatt ra l-pistola ta’ kulur il-fidda b’manku iswed li gie muri mill-Pulizija jew li hedded lil xi membri tal-familja Apap biha.

PS 487 Reuben Balzan (a fol.19) ikkonferma r-rapport ta’ Angelica Apap (omm Graziella Apap) rigwardanti l-imputat u ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS5 (a fol.26 et seq.). Ikkonferma illi l-argument beda meta Keith Galea mar jigbor lil ibnu Graziella Apap irrifjutat li tatihulu. Waqt dan l-argument inkissret il-hgiega tal-bieb ta’ barra. PS 487 Reuben Balzan ikkonferma li Keith infurmah li kienu hargu ghalih b’senter, ghaldaqstant PS Balzan rega acceda fir-residenza ta’ Apap u kien hemmhekk li gie nfurmat li l-imputat Keith Galea kien mar fir-residenza ta’ Apap originarjament, armat b’pistola. Din il-pistola giet ezebita bhala l-ezebit PS1, b’*cartridge* l-ezebit PS2 u *bullet* l-ezebit PS3. Is-senter tal-familja Apap gie ezebit formalment bhala Dok.PS4. **A fol.23, PS Reuben Balzan ikkonferma illi meta hu ha l-ewwel verzjoni tal-familja Apap, hadd mill-membri ta’ dik il-familja ma semmielu illi l-imputat kellu arma f’idejh.**

**Il-Prosekuzzjoni (a fol.23) infurmat lil Qorti illi ebda ezami ta’ l-impronti digitali ma saret fuq din il-pistola.**

WPC 132 Rita Compton (a fol.27) ikkonfermat illi l-imputat ma kellux licenza ta’ arma tan-nar.

Angelica Apap (a fol.29) ikkonfermat illi l-imputat jigi l-gharus tat-tifla taghha u li dawn kellhom zewgt (2) itfal, u li l-imputat kien gie fir-residenza taghhom, fid-data citata fl-

akkuza u nizlet tiftahlu Graziella u fil-pront bdew jargumentaw, haga illi kienet issir ta' spiss. Fil-pront semghet il-bieb ta' barra jinstabat u meta kkoregiet lil Graziella dwar il-bieb semghet il-qanpiena tal-bieb iccempel b'mod kontinwu, ttawlet u l-imputat, "b'ton arroganti", qalilha li kien gie sabiex jiehu lil ibnu l-bahar. Angelica Apap xehedet illi qalet lil bintha biex ttih lil Kyle, izda din webset rasha u ma riditx. Angelica Apap tghid illi Kyle kellu xi rih. Angelica Apap xehedet illi hija nkwetat minhabba l-incidenti li kien hemm fil-passat u qabdet lil binha Marlon Apap, icempel l-Ghassa tal-Pulizija, dak il-hin semghet il-hgiega tal-bieb ta' barra tinkiser u marret tigri ccempel ghall-assistenza tal-Pulizija hija stess. Hija xehedet illi l-imputat dahal gol-kcina, li kellu *revolver* f'idejh u li dan ippuntah ma' wiccha, li hija bdiet twerzaq u tghajjat kemm tiflah. Imbaghad Marlon Apap dahal bis-senter, imbaghad semghet twerzieqa minghand Graziella Apap u gew il-Pulizija li arrestaw lill-imputat. Muriha l-pistola l-ezebit PS1, Angelica Apap gharfitha (ara xhieda a fol.34).

Marlon Apap (a fol.36) wara illi nghata t-twissija kkonferma li dakinhar ta' l-incident kien wasal l-imputat id-dar taghhom, ommu kienet ghajtet lil Graziella sabiex tiftahlu l-bieb u kien hemm argument bejn Graziella u l-imputat. Marlon xehed li talab lil ommu biex iccempel lil Pulizija u fil-pront Keith tela' fil-parapett u kisser il-hgiega tal-bieb u beda jiccelingjahom. A fol.38, Marlon jghid illi meta gie t-tieni darba fid-dar taghhom Keith Galea, l-istess Galea kellu arma f'idejh u **waqt li ommu harget mill-kamra taghha b'senter f'idejha, senter li kien ta' zewgha.** F'hin minnhom, l-imputat dar bis-senter f'idejh ghal fuqu u hu (Marlon) dahal go kamra ohra. Illi ftit wara gew il-Pulizija fuq il-post.

Graziella Apap (a fol.43) xehedet illi hija tixtieq tahfer lill-imputat. Graziella Apap (a fol.57) riprodotta, kkonfermat li hija kellha zewgt (2) itfal mill-imputat u li dakinhar ta' l-incident hija kellha argument ma' l-imputat:

"*U jien ma ridtx intih it-tifel biex niprovokah u hekk, peress li kellna xi nghidu."* (ara fol.57)

A fol.58, Graziella Apap ikkonfermat illi f'dan l-incident hija ma rat ebda arma f'idejn l-imputat. A fol.60, Graziella Apap xehedet illi hija semghet il-hgiega tal-bieb ta' barra tinkiser izda ma ratx lill-imputat ikissirha.

Victor Apap (a fol.63) xehed illi ma kienx prezenti ghall-incident u li l-mara tieghu qaltlu illi l-imputat kien dahal b'pistola f'idejh u heddidha.

In kontro ezami (a fol.68) Victor Apap rega' ikkonferma illi huwa ma kienx prezenti ghall-incident u li dak li jaf sar jafu minn membri tal-familja tieghu wara l-incident.

In kontro ezami PS 487 Reuben Balzan rega kkonferma illi meta huwa mar jassisti l-familja Apap u arresta lill-imputat mid-dar taghhom, ebda membri tal-familja Apap ma nfurmah illi l-imputat kellu arma f'idejh u li kien hedded lil xi hadd biha u kien biss wara illi l-imputat informa lil Pulizija illi Marlon Apap kien qabad is-senter ta' missieru f'idejh u allura rega' acceda fid-dar ta' Apap, illi dawn semmghulu li l-imputat kien, fil-fatt, armat. Dan ir-*revolver*/pistola bil-*cartridge* u *bullet*, separati fi tliet (3) bicciet, kienet giet ikkonsenjata lil PS Balzan mit-tarag ta' fuq il-bejt tad-dar ta' Apap.

Superintendent Raymond D'Anastasi, in kontro ezami (a fol.82 et seq.), ikkonferma r-rapport illi sar minn PS 487 Reuben Balzan u kkonferma illi ebda espert ta' l-impronti digitali ma ntalab biex jigi nominat u dana minhabba illi din l-arma kienet intmesset minn diversi nies, inkluz membri tal-Pulizija.

L-imputat Keith Galea (a fol.94) xehed illi huwa kellu zewgt (2) itfal Kyle u Luke mir-relazzjoni tieghu ma' Graziella Apap. Illi dakinhar ta' l-incident huwa kien mar fid-dar ta' Graziella sabiex jara lil ibnu, kienu lletikaw hu u Graziella u hi ma hallietux jiehu t-tifel u sabtitlu l-bieb ma' wiccu. Huwa beda jcempel lil qampiena b'mod ripetut u hargu omm u hu Graziella joffenduh. L-imputat jghid illi rrabja, ta daqqa ta' ponn mal-bieb ta' barra u nkissret il-hgiega u semgha lil omm Graziella tghajjat: *"Cempel lil*

*Pulizija,”* u dak il-hin telaq minn fuq il-post. Rega’ rritorna wara ghaxar (10) minuti u beda jghajtilhom minn wara l-bieb u qabad u dahal gewwa biex forsi jsib lit-tifel. Fil-fatt, sab lil omm Graziella, talabha lil Kyle u fil-pront Marlon Apap resaq fuqu u ghamillu s-senter ma’ wiccu. Xi mumenti wara waslu l-Pulizija fuq il-post u arrestawh. L-imputat xehed illi huwa nforma lil Pulizija li Marlon Apap qabad senter ghalih u kien ghalhekk illi l-Pulizija regghu accedew ghar-residenza ta’ Apap. Innega b’mod l-aktar vociferu illi huwa kellu xi pistola f’idejh meta mar jitlob biex jiehu lit-tifel il-bahar. Illi, sussegwentement ghal dan l-incident, Victor Apap kissirlu l-karozza tieghu permezz ta’ hadida, pero’ hallas ghal hsarat illi wettaq.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi, jirrizulta b’mod l-aktar car illi l-imputat f’ebda hin ma kellu arma f’idejh. Dana jirrizulta mhux biss mill-istqarrija ta’ l-imputat a tempo vergine, izda mill-istess xhieda ta’ PS 487 Reuben Balzan u l-mod korret illi bih ta t-testimonjanza tieghu. Jidher abbastanza car illi l-cosidett ‘pistola’ li allegatament, l-imputat kellu f’idejh, feccet biss **wara** li l-imputat informa lil Pulizija illi Marlon Apap resaq fuqu b’senter f’idejh.

M’huwiex vero simili illi theddidha b’senter u li s-sekwestrar ta’ persuna, permezz ta’ senter ippuntat lejn ras Angelica Apap, **ma tigix indikata minn ebda membru tal-familja Apap immedjatament kif il-Pulizija waslu fuq il-post.** M’huwiex vero simili illi din l-arma, f’idejn Keith Galea, **tisparixxi meta l-istess Keith Galea gie arrestat *“in flagrante delicto”* mill-Pulizija**. M’huwiex vero simili illi missier, **li xtaq jiehu tifel ta’ sena u erba’ xhur il-bahar, imur jigbru b’pistola f’idejh.** In oltre’, il-Qorti taghraf l-inkonsistenza gravi fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fejn Marlon Apap (a fol.38 tax-xhieda tieghu) iddikjara **illi kienet ommu (Angelica Apap) li qabdet is-senter f’idejha ghal Keith Galea.**

Din il-Qorti kienet tippretendi illi f’din ir-retroxxena l-Prosekuzzjoni kienet issejjah lis-*Scene of Crime Officers*

fuq il-post sabiex din l-arma tigi elevata xjentifikament u jsirulha l-analizi ghall-impronti digitali. Dan ma sarx u ghaldaqstant ma hemm xejn illi jorbot lill-imputat ma' l-arma li l-familja Apap ikkonsenjaw lil PS Reuben Balzan, arma illi kienet maqsuma f'bicctejn.

**Il-fatt li din l-arma tissemma biss wara li l-imputat jinforma lil Pulizija illi Marlon Apap kien hareg ghalih b'senter, huwa fattur illi thasseb mhux ftit lil din il-Qorti.**

Jirrizulta pprovat sodisfacentement u dana anke ammess mill-istess Keith Galea illi huwa kiser il-hgiega tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-familja Apap. Illi, ghalkemm jirrizulta li Graziella Apap hafret lill-imputat, din il-mahfra ma ssibx rifless fil-genituri taghha Angelica u Victor Apap, li maghhom tghix Graziella Apap. Din il-Qorti ma gietx muriha xi stima tal-hsarat ta' din il-hgiega u fin-nuqqas ta' tali stima taghraf illi l-hsarat certament ma jeccedux tlieta u ghoxrin Euro punt disgha u ghoxrin centezmu - €23.29 - (ekwivalenti ghal ghaxar Liri Maltin).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat **Keith Galea** mhux hati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza li minnhom tilliberah, hati tat-tieni (2) akkuza, bil-hsarat ta' anqas minn tlieta u ghoxrin Euro punt disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u wara li rat l-Artikoli 325(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal amenda ta' tmienja u hamsin Euro punt tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------